31977R2560

28.11.1977 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 303/1

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2560/77 tas-7 ta' Novembru 1977 li jemenda n-nomeniklatura ta' ċerti prodotti agrikoli, diversi Regolamenti li jikonċernaw dawn il-prodotti u t-Tariffa Komuni Doganali

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28 u 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (1),

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE tad-29 ta' Settembru 1966 dwar l-istabbiliment ta' organizzazjoni komuni tas-suq fiż-żjut u x-xaħmijiet (2), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1707/73 (3), u partikolarment l-Artikoli 14(2) u 15(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u l-prodotti tal-ħalib (4), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 559/76 (5), u partikolarment l-Artikolu 14(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3330/74 tad-19 ta' Diċembru 1974 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiz-zokkor (6), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1110/77 (7), u partikolarment l-Artikolu 9(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2727/75 ta' 29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali (8), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1386/77 (9), u partikolarment l-Artikoli 14(3), 16(5), 17, 19(2) u 23(2) tiegħu,

Billi d-disa Stati Membri huma sħab fil-Konvenzjoni ta' Brussel tal-15 ta' Diċembru 1950 dwar in-nomeniklatura għall-klassifikazzjoni ta' oġġetti għat-tariffi doganali; billi it-Tariffa Komuni Doganali hija bbażata fuq dik in-nomenklatura;

Billi l-Kunsill tal-Kooperazzjoni Doganali rrakomanda emendi għall-Konvenzjoni, u għalhekk għan-nomeniklatura li tifforma parti minnha, lill-Partijiet Kontrattwali tagħha; billi dawn ir-rakkommandazzjoniet, ma sabu l-ebda oġġezzjoni fl-intier jew f'parti minnhom, u huma għalhekk meqjusa li ġew addottati fl-1 ta' Lulju 1977 u għandhom jiġu applikati mill-1 ta' Jannar 1978;

Billi l-intestatura Nru 05.06 ġiet imħassra fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Doganali; billi l-prodotti li jaqgħu taħt din l-intestatura huma issa kklasifikati taħt is-subintestatura 05.15 B; billi din is-subintestatura hija parti mill-organizzazzjoni komuni tas-suq f'ċerti prodotti elenkati fl-Anness II tat-Trattat; billi l-iskop ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq m'għandhiex tiġi estiża minnħabba r-rakkommandazzjoni tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Doganali;

Billi l-intestatura Nru 17.05 ġiet imħasra bir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Doganali; billi l-prodotti li jaqgħu taħt dawn l-intestaturi huma issa kklasifikati taħt l-intestatura Nru 17.01 jew 17.02, jew taħt is-subintestatura 21.07 F;

(1) ĠU C 266, tas-7.11.1977, p. 46.
(2) ĠU C 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66.
(3) ĠU L 175, tad-29.6.1973, p. 5.
(4) ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.
(5) ĠU L 67, tal-15.3.1976, p. 9.
(6) ĠU L 359, tal-31.12.1974, p. 1.
(7) ĠU L 134, tat-28.5.1977, p. 1.
(8) ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 1.
(9) ĠU L 158, tad-29.6.1977, p. 1.

Billi emendi oħra għan-nomeniklatura tat-tariffi għal prodotti agrikoli huma meħtieġa sabiex jassiguraw l-applikazzjoni uniformi tagħha; billi huwa meħtieġ li jiġu emendati r-Regolamenti relevanti; billi n-nomeniklatura tat-tariffi għal prodotti agrikoli hija inkorporata fit-Tariffa Komuni Doganali;

Billi t-Tariffa Komuni Doganali tista' tkun issimplifikata;

Billi ċerti Regolamenti għandhom jiġu emendati jew adottati;

Billi permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72 ta' 18 ta' Mejju 1972 dwar l-organizzazjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1034/77 ([2]), u partikolarment l-Artikolu 22(4) tiegħu, taxxa kompensatriċi għandha tkun imposta b'żieda mad-dazju doganali fuq il-ħjar; billi huwa meħtieġ li tkun emendata it-Tariffa Komuni Doganali;

Billi huwa xieraq, f'ġieħ it-trasparenza, sabiex l-Annessi tar-Regolamenti emendati jiġu aġġornati,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

IT-TAQSIIMA I

**Ċereali**

*L-Artikolu 1*

Fir-Regolament (KEE) Nru 2727/75, l-Anness A għandu jkun mibdul bl-Anness I għal dan ir-Regolament u l-Anness B huwa emendat kif muri fl-Annex II tiegħu.

*L-Artikolu 2*

L-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2742/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar ir-rifużjoni fuq il-produzzjoni fis-setturi taċ-ċereali u r-ross ([3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2139/77 ([4]), huwa b'dan emendat kif ġej:

— "17.05 B" għandu jkun imħassar u mibdul b'"21.07 F II".

*L-Artikolu 3*

Fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2743/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar is-sistema li għandha tkun applikata fuq l-għalf tal-bhejjem ta' komposizzjoni b'bażi ta' ċereali ([5]) l-Anness I huwa emendat bit-tibdil tat-test tas-subintestatura 23.07 B b'dan li ġej

| Intestarura CCT Nru | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 23.07 | Tgħam mogħti l-ħlewwa; preparazzjonijiet oħrajn tat-tip użat fl-għalf għall-annimali:<br>B. Oħrajn, li fihom il-lamtu, l-glukosi jew ix-xiropp tal-glukosi li jidħlu fi ħdan is-subintestaturi 17.02 B u 21.07 F II, jew prodotti tal-ħalib (li jidħlu fi ħdan l-intestaturi Nri 04.01, 04.02, 04.03 jew 04.04, jew fi ħdan is-subintestatura 07.02 A jew 21.07 F I):<br>I. (L-ebda tibdil) |

*L-Artikolu 4*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2744/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar is-sistema ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti pproċessati minn ċereali u mir-ross ([6]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 832/76 ([7]), huwa b'dan emendat kif ġej:

1. Fl-Artikoli 5(1) u 8:

— "11.06 B" għandu jkun imħassar u mibdul bi "11.04 C II",

— "17.05 B" għandu jkun imħassar u mibdul bi "21.07 F II".

2. Fl-Artikolu 9(1):

— "11.06 A" għandu jkun imħassar u mibdul bi "11.04 C I",

— "17.05 B" għandu jkun imħasar u mibdul bi "21.07 F II".

3. Fl-l-Artikolu 9(3):

— "11.06 B" għandu jkun imħasar u mibdul bi "11.04 C II".

([1]) ĠU L 118, ta' l-20.5.1972, p. 1.
([2]) ĠU L 125, tad-19.5.1977, p. 1.
([3]) ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 57.
([4]) ĠU L 249, tat-30.9.1977, p. 1.
([5]) ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 60.
([6]) ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 65.
([7]) ĠU L 100, ta' l-14.4.1976, p. 1.

4. Fl-Anness I:

(a) It-test tal-kolonni 1 u 2 fl-intestatura Nri 11.02, 11.06 u 17.02 għandu jkun mibdul b’dan li ġej:

| Intestarura CCT Nru | Deskrizzjoni | Prodott Bażiku | Koeffiċjent | Komponent fissi (u.a./tunnellati) |
|---|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) |
| 11.02 | Tbin oħxon taċ-ċereali u smida taċ-ċereali; qmuħ oħrajn maħduma taċ-ċereali (per eżempju, rrummblati, inċanti, illustrati, ipperalti jew mitħuna fini imma mhux aktar ippreparati), apparti milli ross li jidħol fl-intestatura Nru 10.06; il-qalba taċ-ċereali, shiha, irrumblata, inċanata jew misħuqha ([1])<br>A. B. C. D. E. F. G. } (l-ebda tibdil) | L-ebda tibdil | | |
| 11.04 | Dqiq minn ħxejjex legumini mqadda li jidħlu fl-intestatura Nru 07.05 jew il-frott li jidħol fi kwalunkwe intestatura fil-Kapitolu 8; dqiq u smida tas-sagu u l-għeruq u t-tuberi li jidħlu fl-intestatura Nru 07.06:<br>Ċ. Dqiq u smida tas-sagu u ta’ l-għeruq u t-tuberi li jidħlu fl-intestatura Nru 07.06:<br>I. Denaturizzati ([a])<br>II. Oħrajn:<br>(a) Għall-manifattura tal-lamtijiet ([a])<br>(b) Oħrajn | L-ebda tibdil | | |
| 17.02 | Zokkrijiet oħrajn f’għamla solida; xiroppi taz-zokkor, li ma jkunx fihom żidiet ta’ materji ta’ tgħomiet jew ta’ kulur; għasel artifiċjali, seww jekk imħallat u anki jekk le ma għasel naturali; karamella:<br>B. Glukosju u xiropp tal-glukosju:<br>II. Oħrajn:<br>(a) Glukosju fil-għamla ta’ trab kristallin abjad, seww jekk agglomerat u anki jekk le<br>(b) Oħrajn | L-ebda tibdil | | |

([1]) Għall-iskop biex ikun hemm distinzjoni bejn il-prodotti li jidħlu fl-intestaturi Nri 11.01 u 1102 u dawk li jidħlu fis-subintestatura 23.02 A, prodotti li jidħlu fl-intestaturi Nri 11.01 u 11.02 u dawk li jkollhom iż-żewg fatturi li ġejjin:
— kontenut ta’ lamtu (iddeterminat bil-metodu ta’ l-*Ewers* polimetriċi immodifikati) li jeċċedu 45 % bil-piż b’referenza mal-materjal xott.
— tal-kontenut ta’ l-irmied bil-piż, b’referenza għall-materjal xott (wara t-tnaqqis ta’ xi materjal miżjud) li ma jeċċedix 1,6 % għar-ross, 2,5 % għall-qamħ u s-sikrana, 3 % għax-xgħir, 4 % għall-*buckwheat*, 5 % għall-ħafur u 2 % għal ċereali oħrajn. B’dankollu, il-qalba taċ-ċereali, shiħa, irrumbata, inċanata jew misħuqha, jidħlu fil-każi kollha fl-intestatura Nru 11.02.

([a]) Dħul taħt din is-subintestatura huwa suġġett għall-kondizzjonijiet li għandhom ikunu ddeterminati mill-awtoritajiet kompetenti.

(b) L-intestatura Nru 17.05 għandha tkun imħassra u mibdula b'subintestaura ġdida 21.07 F, li t-test tagħha hu kif ġej:

| Intestatura CCT Nru | Deskrizzjoni | Prodott basiku | Koeffiċjent | Komponent fiss (u.a./tunnellata) |
|---|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) |
| 21.07 F | Xiroppi taz-zokkor imħawra jew bil-kulur: | | | |
| | II. Xiropp tal-glukosju | Qamħ-ir-rum | 1,61 | 55,00 |

*L-Artikolu 5*

Fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2747/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali li għandhom ikunu applikati fil-kaz li s-suq taċ-ċerali jkun iddisturbat (1), l-Artikolu 3(2) huwa b'dan emendat kif ġej ([1]):

— "17.05 B" għandu jkun imħassar u mibdul bi "21.07 F II".

*L-Artikolu 6*

Fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2758/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 li jistabbilixxi regoli ġenerali rigward il-komponenti ddisinjati sabiex jassiguraw, fis-setturi taċ-ċereali u tar-ross, il-protezzjoni ta' l-industrija ta' l-ipproċċessar u jiffissa dawk il-komponenti fir-rigward ta' l-Istati Membri l-ġodda ([2]), l-Anness I huwa b'hekk emendat kif ġej:

1. Intestaturi Nri 11.02, 11.06 u 17.02 għandhom ikunu mibdula b'dan li ġej:

| Intestarura CCT Nru | Deskrizzjoni | Komponent fissi (u.a./tunnellati) |
|---|---|---|
| 11.02 | Tħin oħxon taċ-ċereali u smida taċ-ċereali; qmuħ oħra maħduma taċ-ċereali (per eżempju, rrummblati, inċanti, illustrati, ipperalti jew mithuna fini imma mhux aktar ippreparati), apparti milli ross li jidħol fl-intestatura Nru 10.06; il-qalba taċ-ċereali, sħiħa, irrumblata, inċanata jew misħuqha | |
| | A. B. C. D. E. F. G. } (l-ebda tibdil) | L-ebda tibdil |

([1]) ĠU L 281, ta' l-1.1.1975, p. 82.

([2]) ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 109.

| Intestarura CCT Nru | Deskrizzjoni | Komponent fissi (u.a./tunnellati) |
|---|---|---|
| 11.04 | Dqiq minn ħxejjex legumini mqadda li jidħlu fl-intestatura Nru 07.05 jew il-frott li jidħol fi kwalunkwe intestatura fil-Kapitolu 8; dqiq u smida tas-sagu u l-għeruq u t-tuberi li jidħlu fl-intestatura Nru 07.06: | |
| | E. Dqiq u smida tas-sagu u ta' l-għeruq u t-tuberi li jidħlu fl-intestatura Nru 07.06: | |
| | I. Denaturizzati ([a]) | L-ebda tibdil |
| | II. Oħrajn: | |
| | (a) Ghall-manifattura tal-lamtijiet ([a]) | |
| | (b) Oħrajn | |
| 17.02 | Zokkrijiet oħrajn f'għamla solida; xiroppi taz-zokkor, li ma jkunx fihom żidiet ta' tgħomiet jew materji ta' kulur; għasel artifiċjali, seww jekk imħallat u anki jek le ma għasel naturali; karamella: | |
| | B. Glukosju u xiropp tal-glukosju: | |
| | III. Oħrajn: | L-ebda tibdil |
| | (a) Glukosju fil-għamla ta' trab kristallin abjad, seww jekk agglomerat u anki jekk le | |
| | (b) Oħrajn | |

([a]) Dhul taht din is-subintestatura huwa suġġett ghall-kondizzjonijiet li għandhom ikunu ddeterminati mill-awtoritajiet kompetenti.

2. L-Intestatura Nru 1705 għandha tkun imħassra u mibdulha b'subintestatura ġdida 21.07 F, li t-test tagħha hu kif ġej:

| Intestatura CCT Nru | Deskrizzjoni | Komponent iffissat (u.a./tunnellati) |
|---|---|---|
| 21.07 F | Xiroppi taz-zokkor imħawwar jew bil-kulur: | |
| | II. Xiropp tal-glukosju | 55.00 |

3. It-test ta' l-ewwel żewġ kolonni tas-subintestatura 23.07 B għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

| Intestatura CCT Nru | Deskrizzjoni | Il-Komunità kif oriġinalmet ikkostitwitta | Id-Danimarka | L-irlanda | Ir-Renju Unit |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Komponent fiss (u.a./tunnellati) | | | |
| 23.07 | Tgħam mogħti l-ħlewwa; preparazzjonijiet oħrajn tat-tip użat fl-għalf għall-annimali:<br>B. Oħrajn, li fihom il-lamtu, l-glukosi jew ix-xiropp tal-glukosi li jidħlu fi ħdan is-subintestaturi 17.02 B u 21.07 F II, jew prodotti tal-ħalib (li jidħlu fi ħdan l-intestatura Nri 04.01, 04.02, 04.03 jew 04.04, jew fi ħdan is-subintestatura 07.02 A jew 21.07 F I):<br>I. (L-ebda tibdil) | L-ebda tibdil | | | |

IT-TAQSIIMA II

**Inbid**

*L-Artikolu 7*

L-Anness IV għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 816/70 tat-28 ta' April 1970 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet addizjonali għall-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2211/77 ([2]), huwa b'dan emendat bi qbil ma' l-Anness III għal dan ir-Regolament.

IT-TAQSIIMA III

**Ħalib u prodotti tal-ħalib**

*L-Artikolu 8*

Fir-Regolament (KEE) Nru 804/68, l-Artikolu 1 huwa b'dan emendat kif ġej:

1. It-test tad-dettal (e) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"(e) 17.02 Zokkor ieħor f'forma solida; ġuleppi taz-zokkor, li m'għandhomx miżjud togħma jew materja ta' kulur; għasel artifiċjali, kemm jekk imħallat jew le ma għasel naturali; karamelli:

A. (Ebda tibdil)".

2. It-test tad-dettall (f) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"(f) 21.07 F Ġuleppi taz-zokkor mħawwra jew ikkuluriti:

I. Ġulepp tal-laktosi".

3. Fir-Regolament (KEE) Nru 804/68, l-Anness għandu jkun emendat kif ġej:

(a) It-test ta' l-intestatura Nru 17.02 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"17.02 Zokkor ieħor f'forma solida; ġuleppi taz-zokkor, li m'għandhomx miżjud togħma jew materja ta' kulur; għasel artifiċjali, kemm jekk imħallat jew le ma għasel naturali; karamelli:

A. (Ebda tibdil)".

([1]) ĠU L 99, tal-5.5.1970, p. 1. 2
([2]) ĠU L.256, tas-7.10.1977, p. 1.

(b) It-test ta' l-intestatura Nru 19.02 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"19.02 Estratt tax-xgħir; preparazzjoni għad-dqiq, smida, lamtu, jew estratt tax-xgħir tat-tip użat bħala ikel għat-trabi jew għall-iskopijiet dijetetiċi jew kulinari, li jkun fihom anqas minn 50 % tal-piz ta' kawkaw:

B. Oħrajn (i.e. li mhux estratt tax-xgħir)".

*L-Artikolu 9*

1. Fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 823/68 tat-28 ta' Ġunju 1968 li jistabbilixxi gruppi ta' prodotti u dispożizzjonijiet speċjali għal kalkulazzjoni tal-*levies* fuq ħalib u l-prodotti tal-ħalib [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1638/77 [2], l-Anness I huwa b'dan emendat kif ġej:

Grupp 12:
"17.05 A" għandu jkun mibdul bi "21.07 F I"

2. Fir-Regolament (KEE) Nru 823/68, l-Anness II huwa b'dan emendat kif ġej:

(a) It-test ta' l-intestatura Nru 17.02 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

| Intestarura CCT Nru | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 17.02 | Zokkrijiet oħrajn f'għamla solida; xiroppi taz-zokkor, li ma jkunx fihom żieda ta' materjali ta' togħma jew ta' kulur; għasel artifiċjali, sewwa jekk u anki jekk le, miżjud b'għasel naturali; karamella<br>A. Laktosi u xiropp tal-laktosi<br>II. Oħrajn (apparti minn dawk li jkun fihom, fi stat xott, 9 % jew aktar bil-piz tal-prodott pur) |

(b) It-test ta' l-intestatura Nru 17.05 għandu jkun mibdul bit-test li ġej għas-subintestatura 21.07 F

| Intesta-tura CCT Nru | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 21.07 | F. Xiroppi taz-zokkor imħawwra jew bil-kulur:<br>I. Xiropp tal-laktosi |

(ċ) Fis-subintestatura 23.07 B, "17.05 B" għandu jkun mibdul bi "21.07 F II".

(d) Fin-nota tal-qiegħ (8), "17.05 A" għandu jkun mibdul bi "21.07 F I".

IT-TAQSIIMA IV

**Ċerti prodotti elenkati fl-Anness II tat-Trattat**

*L-Artikolu 10*

Fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 827/68 tat-28 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni tas-suq ta' ċerti prodotti elenkati fl-Anness II tat-Trattat (3), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 425/77 (4), l-Anness huwa b'dan emendat kif ġej [3] [4]:

1. It-test tas-subintestatura 05.15 B għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"05.15 ex B. Oħrajn, apparti milli l-għeruq u l-muskoli u l-korda tal-muskoli, u qxur tal-ġilda u skart simili tal-ġlud mhux ikkonzati".

2. (a) It-test ta' l-intestatura Nri 11.03 u 11.04 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"11.04 Dqiq tal-ħxejjex legumini mnixxfa li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 07.05 jew tal-frott li jaqgħu taħt kwalunkwe intestatura fil-Kapitolu 8; dqiq u smida tas-sagu u ta' l-egħruq u t-tuberi li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 07.06:

A. Dqiq tal-ħxejjex legumini mnixxfa li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 07.05

B. Dqiq tal-frott li jaqa' taħt kull intestatura tal-Kapitolu 8".

3. It-test ta' l-intestatura Nru 12.08 għandu jiġi mibdul bit-test segwenti:

"12.08 Egħruq taċ-ċikwejra, friski jew imnixxfa, sħaħ jew maqtugħa, mhux mixwija; ħarrub, friski jew imnixxef, kemm jekk mithun oħxon jew le jew misħuq, imma mhux aktar ippreparat; il-qalba tal-frott u l-prodotti oħra tal-ħaxix tat-tip użat primarjament għal ikel uman, li ma jaqax taħt xi intestaura oħra:

B. Ħarrub

Ċ. Żrieragħ tal-ħarrub

D. L-għadam tal-berquq, ħawħ u għanbaqar u l-qalba tagħhom

E. Oħrajn".

[1] ĠU L 151, tat-30.6.1968, p. 13.
[2] ĠU L 183, tat-22.7.1977, p. 3.
[3] ĠU L 151, tat-30.6.1968, p. 16.
[4] ĠU L 61, tal-5.3.1977, p. 1.

*IT-TAQSIIMA V*

**Zokkor u isoglukosi**

*L-Artikolu 11*

Ir-Regolament (KEE) Nru 3330/74 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1(1):

(a) Fil-verżjoni Inġliża tad-dettall (a), l-intestatura Nru 17.01, — il-kliem "zokkor tal-pitravi u zokkor tal-kannamieli, solidu" għandu jkun mibdul bil-kliem "zokkor tal-pitravi u zokkor tal-kannamieli, f'forma solida".

(b) It-test tad-dettal (ċ) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"(c) 17.03 Molassi (Ghasel iswed)".

(ċ) It-test tad-dettal (d) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "(d) | 17.02 C, D II E u F | Zokkrijiet oħrajn f'għamla solida (imma li ma jinkludux il-laktosi, il-glukosju jew l-isoglukosju); xiroppi taz-zokkor, li ma jkunx fihom żieda ta' materjali ta' togħmiet jew ta' kuluri (u li ma jinkludux il-laktosi, l-glukosju jew l-isoglukosju); għasel artifiċjali, seww jekk imħallat u anki jekk le b'għasel naturali; karamella |
| | 21.07 F IV | Xiroppi mħawwra jew bil-kulur (apparti milli xiroppi laktosi, glukosju jew isoglukosju)". |

2. It-test ta' l-Artikolu 1(2) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"2. Għal l-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

— 'zokkor abjad' ifisser zokkor, mhux imħawwar jew ikkulurit, li jkunu jinsabu fih, fl-istat xott, 99,5 % jew aktar talpiż ta' sukrosi, iddeterminat bil-metodu polarimetriku,

— 'zokkor mhux raffinat' ifisser zokkor, mhux imħawwar jew ikkulurit, li jkunu jinsabu fih, fl-istat xott, anqas minn 99,5 % tal-piż ta' sukrosi, stabbilit bil-metodu polarimetriku."

3. L-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 3330/74 huwa b'dan emendat kif ġej:

Fl-intestatura No 19.02: il-kelma "preparazzjoniet" għandha tkun mibdula b'dawn il-kliem:
"Estratt tax-xgħir; preparazzjonijiet". Dan li ġej għandu jkun miżjud:

"B. Oħrajn".

*L-Artikolu 12*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 765/68 tat-18 ta' Ġunju 1968 li jistabbilixxi regoli ġenerali għar-rifużjoni tal-produzzjoni fuq iz-zokkor użat fl-industrija kemikali ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3138/76 ([2]), huwa b'dan emendat kif ġej:

1. L-Anness I

(a) "ex 17.02 D" għandu jkun imħasar u mibdul bi "ex 17.02 D II";

(b) "ex 29.35 T" għandu jkun imħassar u mibdul bi "ex 29.35 Q";

(ċ) "38.19 R" għandu jkun imħasar u mibdul bi "ex 38.19 U";

2. L-Anness III

(a) "29.35 L" għandu jkun imħasar u mibdul bi "29.35 IJ";

(b) "ex 29.35 T" għandu jkun imħassar u mibdul bi "ex 29.35 Q";

(ċ) "ex 32.02" għandu jkun imħassar u mibdul bi "ex 32.01 B";

(d) "ex 38.11 C" għandu jkun imħasar u mibdul bi "ex 38.11 D";

(e) "ex 38.19 T" għandu jkun imħasar u mibdul bi "ex 38.19 U";

(f) "ex 39.01 C VIII" għandu jkun imħasar u mibdul bi "ex 39.01 C VII".

*L-Artikolu 13*

Fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1111/77, tas-17 ta' Mejju 1977, li jistabbilixxi disposizzjoniet komuni għall-isoglukosi (3), l-Artikolu 1 huwa b'dan emendat kif ġej ([3]):

It-test tas-subintestatura 17.05 C I għandu jkun mibdul bis-subintestatura li ġejja:

"21.07 F III Xiropp ta' l-isoglukosi imħawwar jew ikkulurit".

IT-TAQSIIMA VI

**Ħut**

*L-Artikolu 14*

L-Anness V tar-Regolament tal-Kunsill(KEE) Nru No 100/76 tad-19 ta' Jannar 1976 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-prodotti tal-ħut ([4]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2429/76 (1), huwa b'dan emendat kif ġej ([5]):

([1]) ĠU L 143, tal-25.6.1968, p. 1.
([2]) ĠU L 354, ta' l-24.12.1976, p. 1.
([3]) ĠU L 134, tat-28.5.1977, p. 4.
([4]) ĠU L 20, tat-28.1.1976, p. 1.
([5]) ĠU L 276, tas-7.10.1976, p. 5.

1. It-test tas-subintestatura 03.03 A I għandu jkun mibdul bit-test li ġej fil-verżjoni Ingliża:

| Intesta-tura CCT Nru | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 03.03 | A. Krustaċej: |
| | I. *Crawfish* tal-genera Palinurus, Panulirus u Jasus |

2. It-test tas-subintestatura 05.15 A I għandu jkun mibdul:

| Intesta-tura CCT Nru | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 05.15 | A. Ħut, Krustaċej u molluskoli |

IT-TAQSIIMA VII

**Żjut u xaħmijiet**

*L-Artikolu 15*

Ir-Regolament Nru 136/66/KEE huwa b'dan emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1(2)(b):

   "15.17 B" għandu jkun imħassar u mibdul bi "15.17 B II".

2. L-Artikolu 1(2)(d):

   fil-verżjoni Ġermaniża tas-subintestatura 07.02 A, il-kelma "gekocht" għandha tkun mibdula bil-kelma "gegart".

3. L-artikolu 1(2)(d):

   fil-verżjoni Olandiża tas-subintestatura 07.02 A, il-kliem "of gebakken" għandu jkun miżjud.

4. L-Artikolu 1(2)(e):

   "15.17 A" għandu jkun imħassar u mibdul bi "15.17 B I".

*L-Artikolu 16*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 443/72 tad-29 ta' Frar 1972 dwar il-*levies* applikabli fuq iż-żejt taż-żebbuġa raffinat ([1]) huwa b'dan emendat kif ġej:

1. Fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 6(2) u l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 7(2), "15.17 A I" għandu jkun imħassar u mibdul bi "15.17 B I a)".

2. Fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 6(2) u t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7(2), "15.17 A II" għandu jkun imħassar u mibdul bi "15.17 B I b)".

3. Fl-Artikolu 8, "15.17 A" għandu jkun imħassar u mibdul bi "15.17 B I".

IT-TAQSIIMA VIII

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

*L-Artikolu 17*

Ir-Regolament (KEE) Nru 950/68 dwar it-Tariffi Komuni Doganali huwa b'dan emendat kif muri fl-Anness IVtiegħu.

*L-Artikolu 18*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Novembru 1977.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. HUMBLET

([1]) ĠU L 54, tat-3.3.1972, p. 3.

*L-ANNESS I*

*"L-ANNESS A*

| Intestatura CCT Nru | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 07.06 A | Kassava, ararut, salep u għeruq oħrajn simili u tuberi b'kontenut għoli ta' lamtu, eskluża l-patata ħelwa |
| ex 11.01 | Dqiq taċ-ċireali: |
| | Ċ. Dqiq tax-xgħir |
| | D. Dqiq tal-ħafur |
| | E. Dqiq tal-qamħ-ir-rum |
| | G. Oħrajn |
| Ex 11.02 | Dħin oħxon taċ-ċireali u smida taċ-ċireali, qmuħ maħduma oħrajn taċ-ċireali (per eżempju, rrummblati, inċanati, illustrati, ipperalti jew mitħuna fini imma mhux aktar ippreparati), apparti milli għar-ross li jidħol fl-intestatura Nru 10.06; qlub taċ-ċereali, sħaħ, irrummblati, inċanati jew misħuqa: |
| | Ex A. Dħin oħxon taċ-ċireali u smida taċ-ċireali, apparti milli dħin oħxon u smida tal-qamħ u tar-ross |
| | B. Qmuħ bil-fosdqa (imqaxxra jew midrusa), seww jekk maqsuma jew mitħuna rqiq |
| | Ċ. Qmuħ ipperlati |
| | D. Qmuħ li ma humiex b'mod ieħor maħduma jew mitħuna rqiq |
| | Ex E. Qmuħ irrummblati; qmuħ inċanati, apparti milli ross imqaxxar |
| | Ex F. Gerbubi, apparti milli gerbubi tar-ross |
| | G. Qlub taċ-ċireali, sħaħ, irrummblati, imqaxxra jew misħuqa. |
| 11.04 C | Dqiq u smida tas-sagu u ta' l-għeruq u t-tuberi li jidħlu fl-intestatura Nru 07.06 |
| 11.07 | Xgħir tal-maltu, inkaljat u anki jekk le |
| ex 11.08 A | Lamtijiet: |
| | I. Lamtu tal-qamħ-ir-rum |
| | II. Lamtu tal-qamħ |
| | IV. Lamtu tal-patata |
| | V. Oħrajn |
| 11.09 | Glutina tal-qamħ, seww jekk imqadda u anki jekk le |
| 17.02 B | Glukosju u xiropp tal-glukosju: |
| | II. Oħrajn |
| 21.07 F II | Xiropp tal-glukosju, imħawwar jew bil-kulur |
| 23.02 A | Qxur, frak u residwi oħrajn akwistati mill-għarbiel, mit-tħin jew mix-xogħol fuq iċ-ċereali |

| Intestatura CCT Nru | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 23.03 A I | Residwi mill-manifattura tal-lamtu mill-qamħ-ir-rum (esklużi l-konċentrati li jnixxu l-likuri), ta' kontenut ta' proteini, ikkalkolat fuq il-prodott xott, li jeċċedi 40 % bil-piż |
| 23.07 | Tgħam għal bhejjem bil-ħlewwa; preparazzjonijiet oħrajn tat-tip użat fl-għalf ta' l-annimali: |
| | Ex B. Oħrajn, li jkun fihom il-lamtu, il-glukosju jew ix-xiropp tal-glukosju li jidħlu taħt is-subintestaturi Nri 17.02 B u 21.07 F II jew prodotti tal-ħalib (li jidħlu taħt l-intestaturi Nri 04.01, 04.02, 04.03 jew 04.04, jew taħt is-subintestatura17.02 A jew 21.07 F I), apparti milli preparazzjonijiet u għalf għal-bhejjem li jkun fihom 50 % jew aktar bil-piż ta' prodotti mill-ħalib li jidħlu taħt waħda jew aktar mill-intestaturi jew is-subintestaturi msemija hawn fuq" |

*L-ANNESS II*

*(L-ANNESS B)*

| Intestatura CCT Nru | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 17.02 | Zokkrijiet oħrajn f'forma solida; xiroppi taz-zokkor, li ma fihomx materja mizjuda tat-tgħoma jew tal-kulur; għasel artifiċjali, seww jekk imħallat u anki jekk le ma għasel naturali; karamella: |
| | B. Glukosju u xiropp tal-glukosju: |
| | I. Li fih, fi stat xott, 99 % jew aktar bil-piż tal-prodott pur |
| 17.04 | Zokkor tad-dolċiera, li ma fihx il-kawkaw: |
| | B. *Chewing gum* |
| | C. Ċikkulata bajda |
| | D. Oħrajn |
| 18.06 C | Ċikkulata u oġġetti taċ-ċikkulata, seww jekk mimlija u anki jekk le; zokkor tal-ħelu u s-sostituti tiegħu magħmula minn prodotti tas-sostituti taz-zokkor, li fihom il-kawkaw |
| 19.02 | Estratt tal-ħalib; preparazzjonijiet mit-dqiq, smida, lamtu jew estratt tal-maltu, tat-tip użata bħala ikel għat-trabi jew għall-iskopijiet dietetiċi jew kulinari. Li fih anqas minn 50 % bil-piż ta' kawkaw |
| 19.03 | Imqarrun, spagetti u prodotti simili |
| 19.04 | Tapjoka u sagu; sostituti tat-tapjoka u s-sagu akwistati mil-patata jew minn maltijiet oħrajn |
| 19.05 | Ikel ippreparat akwistat bit-tinfiħ jew bl-inkaljar ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (ross minfuħ, *corn flakes* u prodotti simili) |
| 19.07 | Ħobż, biskutelli tal-vapuri u prodotti ordinarji oħrajn tal-furnara, li ma fihomx żieda ta' zokkor, għasel, bajd, xaħmijiet, ġobon jew frott; ostji tat-tqarbin, *cachets* tat-tip adattati għall-użu farmaċewtiku, ostji tas-siġillar, karta tar-ross u prodotti simili |
| 19.08 | Pasti, biskuttini, kejkijiet u prodotti fini oħrajn tal-furnara, sewwa jekk ikun fihom u anki jekk le il-kawkaw fi kwalunkwe proporzjon |
| ex 21.02 | Ċikwejra inkaljata jew prodotti inkaljati oħrajn bħala sostituti tal-kafè; estratti, essenzi u konċentrai tagħhom: |
| | Ċ. Ċikwejra nkaljata u sostituti inkaljati oħrajn tal-kafè: |
| | II. Oħrajn (apparti milli ċikwejra nkaljata) |
| | D. Estratti, essenzi u konċentrati taċ-ċikwejra nkaljata u sostinuti inkaljati oħrajn tal-kafè: |
| | II. Oħrajn (apparti milli estratti, essenzi u konċentrati taċ-ċikwejra inkaljata) |
| ex 21.05 | Soppop u brodu, f'forma likwida, solida jew fi trab |
| 21.07 | Preparazzjonijiet ta' l-ikel li ma humiex x'imkien ieħor speċifikati jew inklużi |

*L-ANNESS III*

Fl-Anness IV tar-Regolament (KEE) Nru 816/70, is-subintestaturi 20.07 A I u B I huma emendati kif ġej:

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| 20.07 | Ġuleppi tal-frott (inklużi l-masti ta' l-għeneb) u l-ġuleppi veġitali, sewwa jekk ikun fihom, u anki jekk le, zokkor miżjud, imma mhux iffermentati u ma fihomx spiriti: | | |
| | A. Ta' gravità speċifika li teċċedi 1,33 fi 15 °C: | | |
| | I. Ġulepp ta' l-għeneb (inklużi l-masti ta' l-għeneb): | | |
| | (a) Ta' valur li jeċċedi 22 u.a. kull 100 kg ta' piż nett | 50 ([b]) | – |
| | (b) Ta' valur li ma jeċċedix 22 u.a. kull 100 kg ta' piż nett | | |
| | 1. B'kontenut ta' żieda ta' zokkor li jeċċedi 30 % bil-piż | 50 + (L) ([b]) | – |
| | 2. Oħrajn | 50 ([b]) | – |
| | B. Ta' gravità speċifika ta' 1,33 jew anqas fi 15 °C: | | |
| | I. Ġulepp ta' l-għeneb, tat-tuffieħ u tal-lanġas (inklużi l-mast ta' l-għeneb); taħlitiet ta' ġulepp tat-tuffieħ u l-lanġas: | | |
| | (a) Ta' valur li jeċċedi 18 u.a. kull 100 kg piż nett: | | |
| | 1. Ġulepp ta' l-għeneb (inklużi l-mast ta' l-għeneb): | | |
| | aa) Ikkonċentrati: | | |
| | 11. B'zieda ta' kontenut ta' zokkor li jeċċedi 30 % bil-piż | 28 ([b]) | 28 + ads |
| | 22. Oħrajn | 28 ([b]) | 28 + ads |
| | bb) Oħrajn: | | |
| | 11. B'zieda ta' kontenut ta' zokkor li jeċċedi 30 % bil-piż | 28 ([b]) | 28 + ads |
| | 22. Oħrajn | 28 ([b]) | 28 + ads |
| | 2 u 3. (L-ebda tibdil) | | |
| | (b) Ta' valur ta' 18 u.a. jew anqas kul 100 kg bil-piż nett: | | |
| | 1. Ġulepp ta' l-għeneb (inklużi l-mast ta' l-għeneb) | | |
| | aa) Ikkonċentrati: | | |
| | 11. B'zieda ta' kontenut ta' zokkor li jeċċedi 30 % bil-piż | 28 +(L) ([b]) | 28 + ads |
| | 22. Oħrajn | 28 ([b]) | 28 + ads |
| | bb) Oħrajn: | | |
| | 11. B'zieda ta' kontenut ta' zokkor li jeċċedi 30 % bil-piż | 28 +(L) ([b]) | 28 + ads |
| | 22. Oħrajn | 28 ([b]) | 28 + ads |
| | 2, 3 u 4. (L-ebda tibdil) | | |

([b]) L-ebda tibdil.

*L-ANNESS IV*

Fil-Parti I, it-Taqsiima I, fil-Part II, il-Kapitoli 3, 4, 7, 10, 11, 17, 19, 21 u 23, u fl-Anness għat-Tariffa Komuni Doganali, din ta' l-aħħar minnha nnifisha fl-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 950/68, in-noti u l-intestaturi msemmija hawn taħt huma b'hekk emendati, b'effett mill-1 ta' Jannar 1978, sabiex jaqraw kif ġej:

A. Il-Parti I, "Dispożizzjonijiet preliminari"; it-Taqsiima I, "Regoli ġenerali":

B. Regoli ġenerali rigward id-dazji:

(a) Il-Paragrafi 5 u 6 fil-verżjoni Daniża għandhom jinqraw kif ġej:

"5. Et '(I)' i toldsatskolonne 3 for visse positioner og underpositioner angiver, at de pågældende varer er underkastet reglerne om importafgift på landbrugsvarer.

6. Et 've' i toldsatskolonnerne 3 og 4 angiver, at der for de pågældende varer kan opkræves et variabelt element, der fastsættes i overensstemmelse med reglerne om handelen med visse forarbejdede landbrugsvarer."

(b) Iż-żewġ paragrafi li ġejjin għandhom ikunu miżjuda:

"7. Is-simboli 'ads' jew 'adf' fil-kolonna 4 fil-Kapitoli 17, 18 u 19 jindikaw li r-rata massima ta' dazju tikkonsisti minn dazju *ad valorem* kif ukoll dazju addizjonali għal ċerti forom ta' zokkor jew għad-dqiq. Dan id-dazju addizjonali huwa stabbilit skond ir-regoli li jikkonċernaw in-negozju f'ċerti prodotti agrikoli pproċessati.

8. Is-simbolu 'ads' fil-kolonna 4 fil-Kapitolu 20 jindika li l-Komunità tirriżerva d-dritt li titlob, fuq kollox u fuq kulħadd id-dazji dovuti, id-dazju addizjonali fuq iz-zokkor li jikkorispondi għad-dazju mħallas fuq zokkor importat u applikabbli għall-kwantità ta' zokkrijiet varji li jkunu jinsabu f'dan il-prodott b'eċċess tal-persentaġġ tal-piż stabilit fin-Noti Addizjonali 2 u 3 għall-Kapitolu 20, jew, fir-rigward ta' prodotti li jaqgħu taħt l-Intestaturi Nri 20.03, 20.04 u 20.05, li jeċċedi it-13 % bil-piż."

B. Il-Parti II, "Skeda ta' Dazji Doganali":

1. It-test tal-Kapitolu 4, in-Nota 1 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"1. L-espressjoni 'ħalib' tfisser ħalib intier jew ħalib xkumat, ix-xorrox tal-butir, ix-xorrox, il-ħalib imbaqqat, il-kefir, il-*yogurt* u ħalib ieħor iffermentat jew aċidifikat."

2. Fil-Kapitolu 4, in-Nota Addizjonali 8, il-linja 3, "17.05 A" għandu jkun mibdul bi "21.07 F I".

3. It-test tas-subintestatura 05.15 A għandu jkun mibdul bit-test li ġej

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| 05.15 | A. Ħut, Krustaċej u molluskoli ..................................................... | B'xejn | ([a]) |

([a]) Ara l-Anness.

4. Fin-Nota għall-Kapitolu 7, il-paragrafu (ċ), "11.03" għandu jkun mibdul bi "11.04".

5. It-test tas-subintestatura 07.01 P għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| 07.01 | P. Ħjar u ħjar żgħar tal-*pikles* | | |
| | I. Ħjar: | | |
| | (ċ) Mill-1 ta' Novembru sal-15 ta' Mejju ........ | 16 ([a]) | – |
| | (d) Mis-16 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru ........ | 20 ([a]) | 20 |
| | II. Ħjar żgħir tal-*pikles* ........ | 16 | – |

([a]) F'ċerti kondizzjonijiet taxxa kumpensatorja hemm provvediment dwarha fid-dazju doganali addizzjonali.

6. It-test tas-subintestatura 08.08 B huwa mibdul b'dan li ġej:

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| 08.08 | B. *Cowberries* (Kukku tas-sġajra tal-wort b'lewn ħamrani), *foxberries* (speċi ta' għenba selvaġġa) jew *cranberries* (il-frott ta' l-ispeċi *Vaccinium vitis idaea*) ........ | 9 | B'xejn |

7. Fis-subintestaturi 08.08 C, 08.10 A u 08.11 D, wara "mirtill" is-segwenti parentesi għandhom ikunu miżjuda:

"(frotta ta' l-ispeċi *Vaccinium myrtillus*)".

8. It-test tan-Nota għall-Kapitolu 10, għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"Dan il-Kapitolu ikopri biss dawk l-imqħuħ li la ġew imfesqda u l-anqas b'mod ieħor maħduma. B'dankollu, ross, maħluf, mitħun, ippolixxjat, illustrat, parzjalment mgħolli, konvertit jew imkisser ikklasifikat fl-intestatura Nru 10.06.".

9. Fin-Nota (a) tal-Kapitolu 11, "21.01" għandha jkun mibdul bi "21.02".

10. It-testi ta' l-intestaturu Nri 11.02 u 11.04 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| 11.02 | Dħin oħxon taċ-ċereali u smida taċ-ċereali; qmuħ oħra maħduma taċ-ċereali (per eżempju, rrummblati, inċanti, illustrati, ipperalti jew mitħuna fini imma mhux aktar ippreparati), apparti milli ross li jidħol fl-intestatura Nru 10.06; il-qalba taċ-ċereali, sħiħa, irumblata, inċanata jew mishuqha: | | |
| | A.<br>B.<br>C.<br>D.<br>E.<br>F.<br>G. } (l-ebda tibdil) | | |
| 11.04 | Dqiq minn ħxejjex legumini mqadda li jidħlu fl-intestatura Nru 07.05 jew il-frott li jidħol fi kwalunkwe intestatura fil-Kapitolu 8; dqiq u smida tas-sagu u l-għeruq u t-tuberi li jidħlu fl-intestatura Nru 07.06: | | |
| | A. Dqiq minn ħxejjex legumini mqadda li jidħlu fl-intestatura Nru 07.05. ........ | 12 | ([a]) |

([a]) Ara l-Anness.

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| 11.04 *(ikompli)* | B. Dqiq tal-frott li jidħol taħt l-intestatura fil-Kapitolu B: | | |
| | I. Tal-banana | 17 | – |
| | II. Oħrajn | 13 | – |
| | Ċ. Dqiq u smida tas-sagu u ta’ l-għeruq u t-tuberi li jidħlu taħt l- intestatura Nru 07.06: | | |
| | I. Denaturizzati ([b]) | 28 (L) | – |
| | II. Oħrajn: | | |
| | (ċ) Għal manifattura tal-lamti ([b]) | 28 (L) | – |
| | (d) Oħrajn | 28 (L) | – |

([b]) Id-dħul taħt din is-subintestatura huwa suġġett għal-kondizzjonijiet li għandhom ikunu ddeterminati mill-awtoritajiet kompetenti.

11. L-Intestaturi Nri 11.03 u 11.06 għandhom ikunu mħassra.

12. Fin-Nota 2 tal-Kapitolu 12, wara “żrieragħ tal-ġulbiena”, il-parentesi li ġejjin għandhom ikunu miżjuda:“(apparti minn dawk l-oħra ta’ l-ispeċi Vicia faba)”.

13. L-intestatura Nru 12.05 għandha tkun imħassra.

14. It-test ta’ l-intestatura Nru 12.08 għandu jkun mibdul b’dan li ġej

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| 12.08 | Għeruq taċ-ċikwejra, friski jew imqadda, sħaħ jew maqtuha; mwieżet tal-ħarrub, friski jew imqadda, seww jekk mitħuna jew mgħaffġa, imma mhux aktar ippreparati; il-għadam tal-frott u l-prodotti veġitali oħrajn tat-tip użat primarjament għall-konsum uman, li ma jidħol taħt l-ebda intestatura oħra: | | |
| | A. Għeruq taċ-ċikwejra | 2 | 2 |
| | B. Mwieżet tal-ħarrub | 6 | – |
| | Ċ. Żerriegħa ta’ l-imwieżet tal-ħarrub: | | |
| | II. Mhux iddekorata, misħuqa jew mgħaffġa | 2 | — – |
| | II. Oħrajn | 9 | – |
| | D. Għadam u l-qalba tal-berquq, tal-ħawħ u ta’ l-għajnbaqar | 5 | 4 |
| | E. Oħrajn | B’xejn | B’xejn |

15. Fin-Nota 3Addizzjonali għall-Kapitolu 15, “15.17 A” għandu jkun mibdul bi “15.17 BI”.

16. It-test ta’ l-intestatura Nru 15.17 għandu jkun mibdul b’dan li ġej:

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| 15.17 | *Degras*; residwi li jirriżultaw mit-trattament tas-sustanzi xaħmija jew ix-xemgħat ta’ l-annimali jew tal-ħxejjex: | | |
| | A. *Degras* | 9 | 6 |
| | B. Residwi li jirriżultaw mit-trattament tas-sustanzi xaħmija jew ix-xemgħat ta’ l-annimali jew tal-ħxejjex: | | |

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| 15.17 *(ikompli)* | B. I. Li jkun fihom iż-żejt bil-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa: | | |
| | (a) Għaġina tas-sapun | 7 (L) | – |
| | (b) Oħrajn | 2 (L) | – |
| | II. Oħrajn: | | |
| | (a) Ħama' u tartru taż-żejt; għaġina tas-sapun | 7 ([a]) | 5 |
| | (b) Oħrajn | 2 ([a]) | 2 |

([a]) F'ċerti kondizzjonijiet, il-ġbir ta' l-ammont obbligatorju hemm provvediment dwaru flimkien mad-dazju doganali.

17. Fil-Kapitolu 17:

(a) It-test tan-Nota 1Addizzjonali għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"Għall-iskopijiet ta' din l-intestatura Nru 17.01:

— 'zokkor abjad' ifisser zokkor, mhux imħawwar jew ikkulurit, li jkunu jinsabu fiħ, fl-istat xott, 99,5 % jew aktar tal-piż ta' sukrosi, stabilit bil-metodu polarimetriku,

— 'zokkor mhux raffinat' ifisser zokkor, mhux imħawwar jew ikkulurit, li jkunu jinsabu fiħ, fl-istat xott, anqas minn 99,5 % tal-piż ta' sukrosi, stabbilit bil-metodu polarimetriku."

(b) Fin-Nota 2 Addizzjonali, ir-referenza għas-"subintestaturi 17.02 D I u 17.02 C I" għandu tinbiddel bir-referenza għas-"subintestatura 17.02 D I".

18. It-test ta' l-intestatura Nru 17.01 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| 17.01 | Zokkor tal-pitravi u zokkor tal-kannamieli, f'għamla solida: | | |
| | A. Zokkor abjad; zokkor imħawwar jew bil-kulur | 80 (L) | – |
| | B. Zokkor mhux maħdum: | | |
| | I. Għar-raffinar ([a]) | 80 (L) | – |
| | II Oħrajn | 80 (L) | – |

([a]) Id-dħul taht din is-subintestatura huwa suġġett għal-kondizzjonijiet li għandhom ikunu ddeterminati mill-awtoritajiet kompetenti.

19. It-test ta' l-intestatura Nru 17.02 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| 17.02 | Zokkrijiet oħrajn f'forma solida; xiroppi taz-zokkor, li ma jkunx fihom żida ta' materjal bit-tgħoma jew bil-kulur; għasel artifiċjali, seww jekk imħallat u anki jekk le ma l-għasel naturali; karamella: | | |
| | A. B. } (L-ebda tibdi)l | | |
| | Ċ. Zokkor u xiropp ta' l-aċer: | | |
| | II. Zokor ta' l-aċer f'għamla solida, bit-tgħoma jew bil-kulur | 67 (L) | – |
| | II. Oħrajn | 42 (L) | 20 |
| | D. Zokkrijiet u xiroppi oħrajn: | | |
| | I. Isoglukosju | 80 (L) | – |
| | II. Oħrajn | 80 (L) | – |
| | E. F. } L-ebda tibdil | | |

20. It-test ta' l-intestatura Nru 17.03 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| 17.03 | Molassi (għasel iswed) | 65 (L) (b) | – |

L-inċiż li ġej għandu jkun miżjun mal-postilla li telenka r-rati tad-dazju awtonomu għal-intestatura Nru 17.03:

"— 67 % għall-molassi bit-tgħoma jew bil-kulur."

21. L-intestatura Nru 17.05 għandha tkun imħassra.

22. L-intestatura Nru 19.01 għandha tkun imħassra.

23. It-test ta' l-intestatura Nru 19.02 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| 19.02 | Estratt tax-xgħir; preparazzjonijiet tat-dqiq, smida, lamtu jew estratt tax-xgħir tat-tip użat bħala ikel għat-trabi jew għal skopijiet djetetiċi jew kulinari, li jkun fihom anqas minn 50 % bil-piż tal-kawkaw: | | |
| | A. Estratt tax-xgħir: | | |
| | II. B'estratt ta' kontenut xott ta' 90 % jew aktar bil-piż | 16 3 + vc | 8 + vc |
| | II. Oħrajn | 16.3 + vc | 8 + vc |
| | B. Oħrajn: | | |
| | I. Li jkun fihom estratt tax-xgħir u mhux anqas minn 30 % bil-piż ta' zokkrijiet li jnaqsu (espressi bħala maltosi) | 19 6 + vc | 11 + vc |
| | II. Oħrajn: | | |
| | (a) Li ma jkun fihom l-ebda grass tal-ħalib jew li jkun fihom anqas minn 1,5 % bil-pis ta' gras bħal dan: | | |
| | 1. Li jkun fihom anqas minn 14 % bil-piż ta'lamtu: | | |
| | aa) Li ma jkun fihom l-ebda sukrosi jew li jkun fihom anqas minn 5 % bil-piż ta' sukrosi (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrosi) | 19.6 + vc | 11 + vc |
| | bb) Li jkun fihom bil-piż ta' sukrosi (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrosi): | | |
| | 11. 5 % jew aktar imma anqas minn 60 % | 19.6 + vc | 11 + vc |
| | 22. 60 % jew aktar | 19.6 + vc | 11 + vc |

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| 19.02 *(ikompli)* | B. II a) 2. Li jkun fih 14 % jew aktar imma anqas minn 32 % bil-piż ta' lamtu: | | |
| | aa) Li ma jkun fih l-ebda sukrosi jew li jkun fih anqas minn 5 % bil-piż ta' sukrosi (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrosi) | 19.6 + vc | 11 + vc |
| | bb) Oħrajn | 19.6 + vc | 11 + vc |
| | 3. Li jkun fih 32 % jew aktar imma anqas minn 45 % bil-piż ta' lamtu: | | |
| | aa) Li ma jkun fih l-ebda sukrosi jew li jkun fih anqas minn 5 % bil-piż ta' sukrosi (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrosi) | 19.6 + vc | 11 + vc |
| | bb) Oħrajn | 19.6 + vc | 11 + vc |
| | 4. Li jkun fih 45 % jew aktar imma anqas minn 65 % bil-piż ta' lamtu: | | |
| | aa) Li ma jkun fih l-ebda sukrosi jew li jkun fih anqas minn 5 % bil-piż ta' sukrosi (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrosi) | 19.6 + vc | 11 + vc |
| | bb) Oħrajn | 19.6 + vc | 11 + vc |
| | 5. Li jkun fih 65 % jew aktar imma anqas minn 80 % bil-piż ta' lamtu: | | |
| | aa) Li ma jkun fih l-ebda sukrosi jew li jkun fih anqas minn 5 % bil-piż ta' sukrosi (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrosi ) | 19.6 + vc | 11 + vc |
| | bb) Oħrajn | 19.6 + vc | 11 + vc |
| | 6. Li jkun fih 80 % jew aktar imma anqas minn 85 % bil-piż ta' lamtu: | | |
| | aa) Li ma jkun fih l-ebda sukrosi jew li jkun fih anqas minn 5 % bil-piż ta' sukrosi (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrosi) | 19.6 + vc | 11 + vc |
| | bb) Oħrajn | 19.6 + vc | 11 + vc |
| | 7. Li jkun fih 85 % jew aktar bil-piż ta' lamtu | 19.6 + vc | 11 + vc |
| | (b) Li jkun fih bil-piż ta' grass tal-ħalib: | | |
| | 1. 1,5 % jew aktar imma anqas minn 5 % | 19.6 + vc | 11 + vc |
| | 2. 5 % jew aktar | 19 6 +vc | 11 +vc |

24. L-intestatura Nru 19.05 għandha tkun imħassra.

25. It-test ta' l-intestatura Nru 19.07 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| 19.07 | Hobż, biskutelli tal-vapuri u prodotti ordinarji oħrajn tal-furnara, li ma fihomx żieda ta' zokkor, għasel, bajd, xaħmijiet, ġobon jew frott; ostji tat-tqarbin, *cachets* tat-tip adattat għall-użu farmaċewtiku, ostji tas-siġillar, karta tar-ross u prodotti simili: | | |
| | A: Biskuttelli | 24<br>+ vc | 9<br>+ vc<br>b'masimmu ta'<br>24<br>+ adf |
| | B: *Matzos* | 20<br>+ vc | 6<br>+ vc<br>b'masimmu ta'<br>20<br>+ adf |
| | Ċ. Ostji tat-tqarbin, *cachets* tat-tip adattat għall-użu farmaċewtiku, ostji tas-siġillar, karta tar-ross u prodotti simili | 19.5<br>+ vc | 7<br>+ vc |
| | D. Oħrajn, li jkun fihom lamtu bil-piż: | | |
| | III. Anqas minn 50 % | 26.5<br>+ vc | 14<br>+ vc |
| | IV. 50 % jew aktar | 26.5<br>+ vc | 14<br>+ vc |

26. It-testi tas-subintestaturi 20.07 B II a) 1 u 2 u 20.07 B II b) 1 u 2 għandhom ikunu mibdula b'dan li ġej:

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| 20.07 | B. II. Oħrajn: | | |
| | (a) Ta' valur li jeċċedi 30 u.a. kull 100 kg piż nett: | | |
| | 1. Ġulepp tal-larinġ | 21 | 19<br>+ ads |
| | 2. Ġulepp tat-tronġiet | 21 | 15<br>+ ads |
| | (b) Ta' valur ta' 30 u.a jew anqas kull 10 kg piż nett: | | |
| | 1. Ġulepp tal-laring: | | |
| | aa) B'kontenut ta' żida ta' zokkor li jeċċedi 30 % bil-piż | 21<br>+ (L) | 19<br>+ ads |
| | bb) Oħrajn | 21 | 15<br>+ ads |
| | 2. Ġulepp tat-tronġiet | | |
| | aa) B'kontenut ta' żida ta' zokkor li jeċċedi 30 %bil-piż | 21<br>+ (L) | 15<br>+ ads |
| | bb) Oħrajn | 21 | 15<br>+ ads |

27. Fil-Kapitolu 21:

(a) Id-dettal il-ġdid (e) li ġej għandu jkun miżjud man-Nota 1:

"(e) Enżimi ppreparati ta' l-Intestatura Nru 35.07".

(b) L-intestatura "Nota Addizzjonali" għall-Kapitolu 21, għandha tkun mibdula bl-intestatura "Noti Addizzjonali".

(ċ) In-Nota Addizzjonali eżistenti għandha ssir in-Nota Addizzjonali 1, u n-Nota Addizzjonali 2 li ġejja għandha tkun miżjuda:

"2. Għall-iskopijiet tas-subintestatura 21.07 F III, 'isoglukosi' ifisser il-ġulepp miksub mill-ġulepp tal-glukosi b'kontenut bil-piz, fl-istat xott, ta':

— mill-inqas 10 % fruktosi, u

— mill-anqas 1 % tat-total ta' oligosakkaridi u polysakkaridi."

28. L-intestatura Nru 21.01 għandha tkun imħassra.

29. It-test ta' l-intestatura Nru 21.02 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| 21.02 | Estratti, essenzi u konċentrati, tal-kafè, tat-te jew tal-matè u preparazzjonijiet b'bażi ta' dawk l-estratti, essenzi jew konċentrati; ċikwejra nkaljata u sostituti u estratti inkaljati oħrajn tal-kafè; essenzi u konċentrati tagħhom: | | |
| | A. Estratti, essenzi u konċentrati, tal-kafè u preparazzjonijiet bil-bażi ta' dawk l-estratti, essenzi jew konċentrati ..... | 30 | 18 |
| | B. Estratti, essenzi u konċentrati, tat-te jew tal-matè u preparazzjonijiet bil-bażi ta' dawk l-estratti, essenzi jew konċentrati ..... | 30 | 12 |
| | Ċ. Ċikwejra nkaljata u sostituti nkaljati oħrajn tal-kafè: | | |
| | I. Ċikwejra nkaljata ..... | 18 | – |
| | II. Oħrajn ..... | 16 9<br>+ vc | 8<br>+ vc |
| | D. Estratti taċ-ċikwejra nkaljata u sostituti nkaljati oħrajn tal-kafè: | | |
| | I. Ċikwejra nkaljata ..... | 22 | – |
| | II. Oħrajn ..... | 16 9 ([a])<br>+ vc | – |

([a]) Id-dazju huwa sospiz għal 14 % għal matul perjodu indefinit.

30. Is-Subintestatura 21.07 F għandha ssir 21.07 G.

31. Subintestatura ġdida Nru 21.07 F għandha tkun miżjuda mal-intestatura Nru 21.07, li t-test tagħha hu kif ġej:

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| 21.07 | F. Xiroppi taz-zokkor imħawwar jew bil-kulur: | | |
| | V. Xitopp tal-laktosi ..... | 67(L) | – |
| | VI. Xiropp tal-glukosi ..... | 67(L) | – |
| | VII. Isoglukosju ..... | 67(L) | – |
| | VIII. Oħrajn ..... | 67(L) | – |

32. Fin-Nota Addizzjonali 2 tal-Kapitolu 23, "17.05 A" għandha tkun mibdula bi "21.07 F I".

33. Fis-subtintestatura 23.07 B "17.05 B" fit-tieni linja għandu jiġi mibdul bi "21.07 F II".

L-Anness (Intestaturi jew subintestaturi li taghhom parti biss huma koperti b'konċessjoni tal-GATT jew li konċessjonijiet differenti ġew moghtija). Dan issa hu emendat kif ġej:

1. It-test ta' l-intestatura Nru 05.15 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| 05.15 | Prodotti mill-annimali li mhumiex x'imkien ieħor speċifikati jew inklużi; annimali mejta tal-Kapitolu 1 jew 3, mhumiex tajbin għall-konsum uman: | |
| | ex A. Ħut, krustaċej u molluskoli: | |
| | — Bajd tal-ħut; bajd tal-merluzz għall-użu bħala lixka .......................... | B'xejn |
| | ex B. Oħrajn: | |
| | — Kuċċinilja; demm ta' l-annimali, nervituri u muskoli; ġlud u skart ieħor, tal-ġlud u l-qxur nhux maħduma | B'xejn |

2. Intestarura addizzjonali Nru 11.04 għandha tkun miżjuda, li t-test tagħha għandu jkun kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| 11.04 | Dqiq ta' ħxejjex legumeni mqadda li jidħlu taħt l-intestatura Nru 07.05 jew tal-frott li jidħol taħt l-intestatura fil-Kapitolu 8; dqiq u smida tas-sagu u ta' l-gheruq u t-tuberi li jidħol taħt l-intestatura Nru 07.06: | |
| | Ex A. Dqiq ta' ħxejjex legumeni mqadda li jidħlu taħt l-intestatura Nru 07.05 | |
| | — Tal-piżelli, fażola jew l-għadds ...................................................... | 12 |

3. L-intestatura Nru 20.07, il-postilla u n-nota (ads), u t-tabella li tirrigwardja l-Intestatura Nru 20.07 għandhom ikunu mhassra.